# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 2**

**Citaz. Nru. 739/01GV**

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd.**

**-vs-**

**Joseph Vella ezercenti l-kummerc taht l-isem Joseph Vella Enterprises**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta;

Premess illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta' attrici ta' tliet elef mitejn u sebgha u disghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm3,297.31) li s-socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx;

Premess illi, ghalkemm interpellata biex thallas, lis-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi, dan id-debitu tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,297.31;

2 tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali, datata 30 ta' Marzu, 2001, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhuxx kontradetti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecida billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF  GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**